31981R2670

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2670/81
ta' l-14 ta' Settembru 1981
li jippreskrivi regoli dettaljati ta' implimentazzjoni rigward il-produzzjoni taz-zokkor li taqbeż il-kwota

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1785/81 tat-30 ta' Ġunju 1981 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor [1], u partikolarment Artikolu 26(3) tiegħu,

Billi Artikolu 26 tar-Regolament (KEE) Nru 1785/81 jippreskrivi li zokkor tat-tip Ċ li ma jgħaddix għas-sena tas-suq ta' wara skond Artikolu 27 tar-Regolament imsemmi u l-isoglukosju Ċ iridu jiġu esportati fl-istat naturali mingħajr rifużjonijiet jew imposti qabel l-1 ta' Jannar ta' wara l-aħħar tas-sena tas-suq in kwistjoni; billi, jekk il-kwantitajiet kollha jew parti minnhom jinbiegħu fis-suq intern jew jekk ma jiġux esportati qabel id-data preskritta, għandha titħallas imposta, rigward il-kwantitajiet involuti, li għandha tiġi fissata skond il-proċedura preskritta f'Artikolu 41 tar-Regolament (KEE) Nru 1785/81; billi r-regoli dettaljati li jirregolaw din il-materja kienu ġew adottati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2645/70 tat-28 ta' Diċembru 1970 dwar id-disposizzjonijiert li japplikaw għal zokkor prodott b'eċċess fuq il-kwota massima [2], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1367/78 [3], u fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1700/80 tat-30 ta' Ġunju 1980 li jippreskrivi regoli dettaljati sabiex jiġu applikati l-kwoti għall-produzzjoni ta' l-isoglukosju matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 1980 u t-30 ta' Ġunju 1981 [4]; billi r-Regolament (KEE) Nru 2645/70 ġie diġà emendat numru ta' drabi u billi huma meħtieġa iżjed emendi minħabba d-dispożizzjonijiet bażiċi tar-Regolament (KEE) Nru 1785/81 dwar zokkor u isoglukosju, li t-tnejn jagħmlu l-ħlewwa u li għalihom hemm suq wieħed; billi għalhekk, għal raġunijiet ta' ċarezza, għandu jiġi adottat Regolament ġdid li jinkorpora r-regoli dettaljati dwar zokkor tat-tip Ċ u isoglukosju tat-tip Ċ;

Billi għal raġunijiet amministrattivi irid jiġi speċifikat illi, għall-għanijiet ta' Artikolu 26 tar-Regolament (KEEE) Nru 17851/81, il-kwantità taz-zokkor tat-tip Ċ u ta' l-isoglukosju tat-tip Ċ li għaliha ma tkunx ingħatat prova mill-fabbrikant fil-perjodu taż-żmien preskritt qabel ma tiġi kunsidrata data finali bħala dik li sa dakinhar ikunu nbiegħu fis-suq intern; billi għall-istess raġunijiet id-dokunenti li jridu jintużaw biex tingħata din il-prova għandhom ikunu dawk użati għall-esportazzjoni kif meħtieġ bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2632/81 tal-10 ta' Settembru 1981 li jippreskrivi regoli speċjali sabiex tiġi applikata s-sistema tal-liċenzji ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni fis-settur taz-zokkor [5] u fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3183/80 tat-3 ta' Diċembru 1980 li jippreskrivi regoli komuni dettaljati sabiex tiġi applikata s-sistema tal-liċenzji ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni u taċ-ċertifikati dwar l-iffissar bil-quddiem għall-prodotti agrikoli [6], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2646/81 [7];

Billi meta jiġi fissat il-ħlas ta' l-imposti f'każi ta' bejgħ fis-suq intern, huwa essenzjali li z-zokkor tat-tip Ċ u l-isoglukosju tat-tip Ċ li ma jkunux ġew esportati jitqegħdu fuq l-istess livell bħaz-zokkor u l-isoglukosju importati minn pajjiżi mhux membri; billi għal dan il-għan il-ħlas għandu jiġi ffissat billi jitqiesu kemm l-imposta fuq l-importazzjoni taz-zokkor, jew ta' l-isoglukosju, ta' l-element varjabbli msemmi f'Artikolu 16(6) tar-Regolament (KEE) Nru 1785/81 bl-ogħla rata applikabbli matul perjodu ta' żmien li jinkludi s-sena tas-suq li fiha z-zokkor, jew l-isoglukosju involuti kienu prodotti u s-sitt-xhur ta' wara dik is-sena tas-suq, u anke ta' l-ammont b'rata fissa kalkolat fuq il-bażi ta' l-ispiża tal-bejgħ taz-zokkor importat minn pajjiżi mhux membri;

Billi oġġetti mibgħuta fid-destinazzjonijiet imsemmijin f'Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2730/79 tad-29 ta' Novembru 1979 li jippreskrivi regoli komunui dettaljati sabiex tiġi applikata s-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli [8], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2646/81, ma jridux jiġu kunsidrati bħala esportazzjonijiet;

Billi fabbrikant għandu jitħalla jesporta zokkor jew isoglukosju li ma jkunx prodott minnu; billi huwa meħtieġ f'dak il-każ li jsir provvediment għall-ħlas ta' ammont b'rata fissa li jista' jiġi kunsidrat fil-każijiet kollha bħala kumpens għal xi vantaġġ li joħroġ minn din il-bidla;

Billi huwa meħtieġ illi jsir provvediment għal ċerti miżuri fil-każijiet meta *force majeure* tagħmel impossibbli l-esportazzjni taz-zokkor tat-tip Ċ u l-isoglukosju tat-tip Ċ; billi hu xieraq li dawn il-miżuri jkunu applikabbli retroattivament sabiex il-ftit każi ta' dan it-tip li jkunu ġraw fl-imgħoddi jistgħu jiġu trattati

(1) ĠU L 177, ta' l-1.7.1981, p. 4.
(2) ĠU L 283, tad-29.12.1970, p. 48.
(3) ĠU L 166, 23,6.1978, p. 24.
(4) ĠU L 166, ta' l-1.7.1980, p. 90.
(5) ĠU L 258, 11.tad-9.8.1991, p. 16.
(6) ĠU L 338, tat-13.12.1980, p. 1.
(7) ĠU L 259, tat-12.9.1981, p. 10.
(8) ĠU L 317, tat-12.12.1979, p. 1

għall-benefiċċju ta' dawk interessati, partikolarment billi ma jsirx ħlas meta l-prodott involut ma jkunx ġie esportat għal din ir-raġuni;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaz-Zokkor,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Iz-zokkor tat-tip Ċ u l-isoglukosju tat-tip Ċ imsemmijin f'Artikolu 26 tar-Regolament (KEE) Nru 1785/81 iridu jiġu esportati mill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu kienu prodotti.

Il-fabbrikanti taz-zokkor tat-tip Ċ jew ta' l-isoglukosju tat-tip Ċ iridu jagħtu prova illi dawn ġew esportati;

— bħala zokkor abjad jew zokkor mhux maħdum, mhux żnaturat, jew bħala isoglukosju fl-istat naturali tiegħu,

— mingħajr rifużjoni jew imposta,

— mill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkunu ġew prodotti.

Jekk ma tingħata l-ebda prova illi z-zokkor jew l-isoglukosju ġew esportati mill-Komunità qabel l-1 ta' Jannar ta' wara l-għeluq tas-sena tas-suq li matulha kienu prodotti z-zokkor tat-tip Ċ jew l-isoglukosju tat-tip Ċ, il-kwantità fil-kwistjoni għandha tiġi kunsidrata bħala li ġiet mibjugħa fis-suq intern.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2730/79 ma jistgħux jiġu invokati rigward l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

1. Il-prova msemmija f'Artikolu 1 għandha tintbgħat lill-aġenzija kompetenti ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu kienu prodotti z-zokkor tat-tip Ċ jew l-isoglukosju tat-tip Ċ.

2. Din il-prova għandha tingħata bil-wiri ta':

(a) liċenzja ta' l-esportazzjoni maħruġa skond Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 2630/81 lill-fabbrikant mill-aġenzija kompetenti ta' l-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 1;

(b) id-dokumenti msemmijin f'Artikolu 30 tar-Regolament (KEE) Nru 3183/80 meħtieġa għar-rilaxx tal-garanzija;

(ċ) stqarrija mill-fabbrikant li tgħid illi z-zokkor tat-tip Ċ jew l-isoglukosju tat-tip Ċ kienu prodotti minnu.

Għall-għanijiet ta' esportazzjoni, il-fabbrikant imsemmi jista', madankollu, jibdel iz-zokkor tat-tip Ċ ma' zokkor ieħor jew l-isoglukosju tat-tip Ċ ma' isoglukosju ieħor prodotti minn fabbrikant ieħor stabbilit fit-territorju ta' l-istess Stat Membru. F'dak il-każ, il-fabbrikant li jagħmel il-bidla jrid iħallas rigward iz-zokkor 1 725 ECU għal kull 100 kilogramma u rigward l-isoglukosju 1 725 ECU għal kull 100 kilogramma ta' materjal xott.

Fil-każ taz-zokkor tat-tip Ċ, il-bidla skond kuntratt tax-xogħol ta' ġuleppi jew zokkor mhux maħdum f'zokkor abjad biex imbagħad jiġi esportat m' għandhiex tiġi meqjusa bħala bidla fit-tifsira tal-paragrafu ta' qabel.

3. Il-prova msemmija fl-Artikolu 1 trid tiġi mibgħuta qabel l-1 ta' Frar li jiġi wara l-1 ta' Jannar imsemmi f'Artikolu 1(1).

F'każijiet speċjali, madankollu, l-aġenzija kompetenti ta' l-Istat Membru involut tista' tippermetti perjodu ta' żmien itwal.

Artikolu 3

1. L-Istat Membru ikkonċernat għandu jimponi fuq il-kwantitajiet li, fit-tifsira ta' Artikolu 1(1) ikunu ġew mibjugħa fis-suq intern, ħlas ugwali għas-somma ta':

(a) għaz-zokkor tat-tip Ċ, għal kull 100 kilogramma:

— l-ogħla imposta fuq l-importazzjoni għal kull 100 kilogramma ta' zokkor abjad jew zokkor mhux maħdum, kif ikun il-każ, applikabbli matul il-perjodu ta' ż-żmien li jinkludi s-sena tas-suq li matulha kien prodott iz-zokkor in kwistjoni u s-sitt xhur ta' wara dik is-sena tas-suq, u

— 1.25 ECU;

(b) għall-isoglukosju tat-tip Ċ, għal kull 100 kilogramma ta' materjal xott:

— l-ogħla komponent varjabbli msemmi f'Artikolu 16(6) tar-Regolament (KEE) Nru 1785/81 għal kull 100 kilogramma ta' materjal xott applikabbli matul il-perjodu ta' żmien li jinkludi s-sena tas-suq li matulha kien prodott l-isoglukosju u s-sitt xhur ta' wara dik is-sena tas-suq, u

— 1.25 ECU;

2. L-Istat Membru konċernat għandu, qabel l-1 ta' Marzu wara l-1 ta' Jannar imsemmi f'Artikolu 1, jgħarraf lil dawk il-fabbrikanti li għandhom jagħmlu l-ħlas imsemmi fil-paragrafu 1 ta' l-ammont totali li jrid jitħallas.

Dan l-ammont totali għandu jitħallas mill-fabbrikanti involuti qabel l-20 ta' Marzu ta' l-istess sena.

3. Madankollu, fejn l-aġenzija kompetenti tkun, skond it-tieni subparagrafu ta' Artikolu 2(3), estendiet il-limitu ta' żmien għall-għoti tal-prova, id-dati msemmijin fil-paragrafu 2 għandhom jiġu mibdula bid-dati stabbiliti mill-aġenzija kompetenti fuq il-bażi ta' l-estensjoni mogħtija,

4. Fil-każ ta' kwantitajiet ta' zokkor tat-tip Ċ jew ta' isoglukosju tat-tip Ċ li, qabel l-esportazzjoni, kienu nqerdu jew ġarrbu ħsara mingħajr il-posssibiltà ta' rkupru, f'ċirkostanzi magħrufa mill-aġenzija kompetenti ta' l-Istat Membru interessat bħala każ ta' *force majeure*, l-ammont rilevanti imsemmi fil-paragrafu 1 m'għandux jiġi impost.

Artikolu 4

1. L-Istat Membru ikkonċernat għandu, qabel il-15 ta' Jannar wara l-1 ta' Jannar imsemmi f'Artikolu 1, jgħarraf lil dawk il-fabbrikanti li huma meħtieġa li jħallsu l-ammont imsemmi fit-tieni subparagrafu ta' Artikolu 2(2) bl-ammont totali li jrid jitħallas.

2. Dan l-ammont totali għandu jiġi mħallas mill-fabbrikanti involuti qabel l-1 ta' Frar ta' l-istess sena.

Artikolu 5

Ir-Regolament (KEE) Nru 2645/70 huwa b'dan imħassar.

Għandu jibqa' japplika għal zokkor prodott b'eċċess fuq il-kwota massima għas-sena tas-suq taz-zokkor 1980/81.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 3(4) għandu jibda japplika b'effett mill-1 ta' Lulju 1979.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-14 ta' Settembru 1981.

Għall-Kummissjoni

Poul DALSAGER

Membru tal-Kummissjoni